Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0903(NLE)

24.2.2025

ABBOZZ TA’ RAPPORT

dwar il-proposta għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni
(N10-0006/2025 – C10-0032/2025 – 2025/0903(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Aurore Lalucq

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 5

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 6

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (N10-0006/2025 – C10-0032/2025 – 2025/0903(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-19 ta' Frar 2025 għall-ħatra ta' Miguel Carcaño Saenz bħala l-Viċi President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (C10-0032/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess wara l-impjieg fis-servizz pubbliku[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 135 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2025),

A. billi l-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jipprevedi li l-Viċi President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni msemmi fl-Artikolu 56(3) ta' dak ir-Regolament għandu jinħatar fuq il-bażi tal-mertu, il-ħiliet, l-għarfien dwar kwistjonijiet bankarji u finanzjarji, u tal-esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni finanzjarji kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-banek;

B. billi l-Parlament huwa impenjat li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri fl-ogħla pożizzjonijiet fil-qasam tas-servizzi bankarji u finanzjarji; billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha nazzjonali u tal-Unjoni għandhom jimplimentaw miżuri konkreti biex jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri;

C. billi, f'konformità mal-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, fil-15 ta' Jannar 2025 il-Kummissjoni adottat lista mqassra għall-kariga ta' Viċi President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni;

D. billi, f'konformità mal-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-

[1] ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/806/oj.
[2] Testi adottati, P8_TA(2019)0211.
[3] Testi adottati, P9_TA(2020)0017.

Kummissjoni pprovdiet il-lista mqassra lill-Parlament;

E. billi, fid-19 ta’ Frar 2025, il-Kummissjoni adottat proposta biex Miguel Carcaño Saenz Cenzano jinħatar bħala l-Viċi President tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni u bagħtet dik il-proposta lill-Parlament;

F. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji imbagħad ipproċeda bl-evalwazzjoni tal-kredenzjali tal-kandidat propost għall-funzjonijiet ta’ Viċi President tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni, b’mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

G. billi, fit-3 ta’ Marzu 2025, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji kellu seduta ta’ smigħ ma’ Miguel Carcaño Saenz Cenzano, li fiha huwa għamel stqarrija preliminari u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. [Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra ta’ Miguel Carcaño Saenz Cenzano bħala l-Viċi President tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni għal perjodu ta’ ħames snin] [Jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra ta’ Miguel Carcaño Saenz Cenzano bħala l-Viċi President tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni u jitlob li tiġi rtirata l-proposta kif ukoll li tiġi ppreżentata proposta ġdida];

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport tfassal wara li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji eżerċita s-setgħat mogħtija lill-Parlament skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014, b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu, u wara li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji stabbilixxa proċeduri fil-kwistjoni tal-ħatriet għall-korpi regolatorji u superviżorji fil-qasam ekonomiku u finanzjarju.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.